31997R2184

L 299/6 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 4.11.1997

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2184/97
tat-3 ta' Novembru 1997
li jikkonċerna l-klassifika ta' ċertu oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1624/97 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża ma' dan ir-Regolament iridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċi NM approprjati indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi hija aċċettata li l-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li mhumiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jintalbu, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3], għal perijodu ta' tliet xhur mid-detentur;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-taqsima tan-nomenklatura tat-tariffi u l-statistika tal-Kumitat tal-Kodiċijiet Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa klassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda skond il-kodiċi NM approprjati indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

L-Artikolu 2

L-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhix konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament tista' tkompli tintalab skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-3 ta' Novembru 1997.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 224, ta' l-14.8.1997, p. 16.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifikazzjoni kodiċi NM	Raġuni
(1)	(2)	(3)
1. *Barbecue* għal użu wieħed f'pakkett għall-bejgħ bl-imnut, li jikkonsisti minn: — *tray* ta' l-aluminju (toqol ta' 35g), — gradilja tal-wajer u *stand* tal-wajer magħmula mill-azzar (toqol 105g), — blalen tal-faħam tal-kannol u — tlieta ftejjel li jixegħelu n-nar.	7321 13 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 3b u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi NM 7321 u 7321 13 00.
2. Sistema ta' *video-conferencing* li tikkonsisti mill-komponenti li ġejjin, li huma konnessi permezz ta' *cable*: — *monitor* tal-kulur b'*loud-speakers* mibnija ġewwa, — kabinett ddisinjat bħala stand għall-monitor u li fih iċ-ċirkwit tat-telekomunikazzjoni għas-sistema, — *video-camera* b'funzjonijiet ta' kontroll u *zoom*, — *keypad* tat-telefon (b'mikrofoni mibnija ġewwa), li wkoll jikkontrollaw is-sistema.	8517 19 10	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, in-nota 4 tat-Taqsima XVI u mill-kliem tal-kodiċi NM 8517, 8517 19 u 8517 19 10.
3. Magna tal-*facsimile* b'ħafna funzjonijiet li essenzjalment tikkonsisti minn: — *modem*, — *scanner*, — apparat ta' stampar. Apparat jaħdem jew f'forma awtonoma (jibgħat jew jirċievi fax) jew flimkien ma kompjuter (bħala printer, scanner jew magna tal-fax) L-apparat ukoll jinkludi funzjoni li tikkopja d-dokumenti (2 sa 3 paġni kull minuta) disponibbli b'mod awtonomu.	8517 21 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, in-nota 3 tat-Taqsima XVI u mill-kliem tal-kodiċi NM 8517 u 8517 21 00. Il-funzjoni tat-telekomunikazzjoni (*facsimile*) hija l-funzjoni prinċipali ta' dan l-oġġett ta' apparat.
4. Oġġetti, imqegħda f'settijiet għall-bejgħ bl-imnut, li jippermettu magna li tipproċessa l-informazzjoni awtomatikament li twettaq funzjoni addizzjonali (*video telephony*), magħmula minn:		Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 3b u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, in-nota 6 tal-Kapitolu 85 u mill-kliem tal-kodiċi NM 8517, 8517 50, 8517 50 90, 8524, 8524 91 u 8524 91 10.
(a) l-erba' komponenti li ġejjin: — unità ta' l-awdjo b'*handset* tat-telefon, — kard tat-telekomunikazzjoni, — *video camera* biex titqabbad ma' kompjuter, — unità ta' konnessjoni ma' *network*;	8517 50 90	Il-klassifikazzjoni ta' l-erba' komponenti riferuti f'(a) hija stabbilita bil-fatt li l-karattru essenzjali tas-sett jintbagħat mill-apparat tat-telekomunikazzjoni (l-unità ta' l-awdjo u l-kard tat-telekomunikazzjoni). Bis-saħħa tan-nota 6 tal-Kapitolu 85 id-*diskettes* għandhom ikunu ikklassifikati separatament.
(b) żewġ *diskettes* b'*application software* għall-*video telephony*.	8524 91 10	
5. *Projector* li jaħdem permezz ta' *flat panel display* (*liquid crystal device*) għall-proġettazzjoni bil-kulur ta' kemm informazzjoni riċevuta direttament mill-magni li jipproċessaw l-informazzjoni direttament (eż. testi, grafiċi) u stampi ma jiċċaqalqux u jiċċaqalqu minn *still image video cameras* u *video camera recorders* oħra, *video recording* jew apparat li jirriproduċi, riċevituri tat-televiżjoni, eċċ. L-apparat fih *loud-speakers*.	8528 30 05 (1)	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 3ċ u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi NM 8528, 8528 30 u 8528 30 05.

(1) Kodiċi tat-TARIC sal-31.12.1997:8528 30 10 91.

Deskrizzjoni	Klassifikazzjoni kodiċi NM	Raġuni
(1)	(2)	(3)
6. Oġġett mimli minn ġewwa magħmula minn ħafna drapp, f'forma ta' kelb ta' madwar 30ċm għoli. Huwa mżejjen b'kappa mwaħħla permanenti bil-kolla ta' Santa Claus u zigarella ħamra tad-drapp, din ta' l-aħħar hija mżejna bi stilel stampati u *boots* tal-Milied. Ukoll fih apparat tal-mużika jaħdem bil-batteriji li jipproduċi diska tal-Milied wara li tingħafas idejh. Fl-istess ħin, bozza ħamra forma ta' qalb tixgħel fuq sider il-kelb u l-partijiet ta' ħalqu jiċċaqalqu. (Ara r-ritratt) (*)	9503 41 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi NM 9503 u 9503 41 00. L-oġġett jista' jintuża bħala ġugarell f'kull żmien tas-sena. Għal-kemm għandu ċerti karatteristiċi tal-Milied, m'għandux il-karatteristiċi ta' l-oġġetti festivi ta' l-intestatura 9505.
7. Ġugarell tal-plastik li jirrappreżenta ħlieqa mhux bniedma (*robot*). Fih mutur li jaħdem bil-batteriji, li jippermetti li r-*robot* jimxi u jċaqlaq idejh.	9503 49 30	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi NM 9503, 9503 49 u 9503 49 30.
8. Sett għall-bejgħ bl-imnut, li jikkonsisti minn rappreżentazzjoni ta' ġurdien magħmul minn materjal tad-drap, sitt kaxxi ta' l-injam bl-ittri A, B, C, X, Y, Z u ktieb ta' l-istampi tat-tfal magħmul mill-kartun.	9503 70 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi NM 9503 u 9503 70 00. Il-prodott jirreferi għas-settijiet deskritti fin-noti ta' spjegazzjoni tas-Sistema Armoniżżata ta-subintestatura 9503 70.
9. *Panel* tal-plastik ta' l-istampi (madwar 29 × 22ċm) protett minn *cover* magħmul mill-kartun. Il-*panel* ta' l-istampi bl-istampi ta' l-annimali huwa mwaħħal fuq il-*cover* tal-lemin fuq ġewwa. Fih apparat elettroniku li jaħdem bil-batteriji, buttuni li jingħafsu taħt l-istampi ta' l-annimali, buttuni biex tixgħelu u *loudspeaker*. Meta jingħafsu l-buttuni jixgħel l-apparat li jipproduċi l-aktar test mitkellem irrekordjat minn qabel u biss ftit noti ta' mużika. Il-cover tax-xellug ta' ġewwa fih ktieb b'paġni vojta.	9503 90 32	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 3b u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi NM 9503, 9503 90 u 9503 90 32. Il-*panel* ta' l-istampi tistabbilixxi l-karattru essenzjali tal-ġugarell. Il-*cover* iservi biss bħala protezzjoni.



(*) Ir-ritratti huma purament għall-informazzjoni.